MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Numru. 728/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Brendan Cachia**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **Brendan Cachia** ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Joseph u Pauline nee` Spiteri, imwieled Pieta fis-27 ta' Jannar 1987, residenti Block C, Flat 9, Wesgha Mattia Preti, Birgu, u detentur tal-karta tal-identita` numru 75487(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn il-5 u s-6 ta' Awwissu 2014 gewwa dawn il-gzejjer, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra is-somma ta' 715 euros f'oggetti differenti, liema oggetti gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-dannu ta' Jonathan Micallef u/jew persuni jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 293, 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar il-25 ta' April 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali li bis-sahha ta' Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti beix iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Probation Officer Svetlana Bezzina u rat ir-rapport redatt minnha u pprezentat fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014;

Semghet lill-imputat jiddikjara li din il-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza anke fin-nuqqas tal-presenza tal-avukat tieghu;

Semghet lill-Ufficjal Proskutur jiddikjara fis-seduta tal-lum li kien qieghed jirtira t-tielet akkuza stante li l-imputat diga instab hati taghha minn din il-Qorti diversament presjeduta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation. Hadet ukoll in konsiderazzjoni x-xewqa tal-imputat li jirriabilita ruhhu mill-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi ladarba l-imputat wera x-xewqa li jibda programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga, din il-Qorti ghandha taghtih tali opportunita` bl-intiza cara illi tali programm irid jibdih u jispiccah ghaliex altrimenti din il-Qorti ma jkollha l-ebda triq ohra hlief li tinfliggi piena' ta' habs effettiv. Illi din il-Qorti hi konxja wkoll tas-suggeriment maghmul mill-ufficjal tal-Probation dwar il-fatt li l-imputat jista' jigi ordnat jirripara d-dannu li ghamel a detriment tal-*employer* tieghu. Il-Qorti, filwaqt li tifhem l-iskop wara tali suggeriment, biex proprju tkun ghamlet dak kollu li setghet biex tghin lill-imputat iqum fuq saqajh wara li jispicca l-programm, mhix se taghmel tali ordni.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-IV u s-VI Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijet ta' Malta,fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Brendan Cachia** hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u filwaqt li tiddikjara li hu recidiv, b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali

minn din is-sentenza.  Din il-Qorti qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza stante li din giet irtirata.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha  tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Finalment il-Qorti qieghdha tastjeni milli tikkundanna lill-imputat ihallas spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma gewx inkorsi tali spejjez.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------